MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Numru. 194/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Simon Zammit**

Kumpilazzjoni Nru: 194/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simon Zammit ta’ 39 sena, iben Alfons u Marija Assunta nee` Bajada, imwieled Pieta`, fit-12 ta’ Marzu 1967, residenti fi ‘Timmaz’, Flat 1, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, u dententur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 140367(M).

Akkuzat talli bejn Ottubru 2006 u Frar 2007, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' diversi persuni ai termini ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tleitn centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' diversi persuni, ai termini ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli kiser il-provedimenti ta' l-art. 28A et sequitor billi kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b' sentenza moghtija mill-Qroti tal-Magistrati datata 9 ta' Gunju, 2004;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikoli:

a) 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

e) 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa azzjonist, direttur u segretarju tas-socjeta kummercjali Property Deal Real Estate Limietd.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputat kien qed johrog cekkijiet fuq kont bankarju f'isem din is-socjeta meta huwa kien jaf li ma kienx hemm il-fondi necessarji biex dawn ic-cekkijiet jigu onorati. L-ammont in kwistjoni kien jammonta ghal €3115.37.

Illi jirrizulta ukoll li fid-9 ta' Gunju 2004 nghatat sentenza fil-konfront ta' l-imputat odjern li permezz taghha huwa gie kkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal erbgha snin.

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirrizultaw ampjament pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati in kwistjoni u l-fedina penali ta'l-imputat. Min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat hallas l-bicca l-kbira ta'l-ammonti dovuta minnu; huwa baqaghlu jghatu €989.82 liema ammont huwa dispost ihallas fi zmien qasir.

Illi Qorti ghalhekk hija tal-fehma li f'dan il-kaz l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita biex jirriabilita ruhu minghajr ma jiskonta piena karcerarja diment li jhallas dak il-bilanc li ghadu dovut. In oltre biex tassigura li l-imputat verament jirriabilita ruhu u bhala deterrent ghall-futur l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jibqa taht l-iskrutinju taghha ghall-massimu tal-perjodu permess mill-

Ligi b'mod li tigi imposta piena karcerarja ghar-reati li taghhom qed jinstab illum jekk huwa jerga jikkommetti reat iehor.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 28A, 28B, 49, 50, 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a), ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li fi zmien sitt (6) xhur ihallas is-somma ta' €582.34 lil Allied Newspapers u €407.48 lil Mobile Communications Ltd. In oltre l-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 qed testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza ta' sentejn prigunerija mghotija fid-9 ta' Gunju 2004 ghal perjodu ta' erbgha snin ohra mill-llum.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu fuq imsemmija.

Il-Qorti tordna n-notifika lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------